

Il-ħlas ta' dan l-ammont favur il-kont tal-Kummissjoni kien indebitu, għaliex id-dazju doganali inkwistjoni ma setax jinġabar għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lir-Repubblika Ċeka. Skont l-Artikolu 17(2)(b) tar-Regolament Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000<sup>(1)</sup>, ir-Repubblika Ċeka għaldaqstant ma kinitx obligata tagħti l-ammont kontenzjuż lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplementa d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 169).

---

### Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2020 – Ighoga Region 10 vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-161/20)

(2020/C 175/43)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Ighoga Region 10 eV (Ingolstadt, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Bartosch, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiddikjara li l-konvenuta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-TFUE billi ma ħaditx deċiżjoni formali dwar l-ilment tar-rikorrenti, anki wara li għaddew kważi sentejn u disa' xhur minn meta tressaq l-ilment u wara t-talba għall-adozzjoni ta' deċiżjoni finali li tagħlaq il-proċedura, kif stipulat skont waħda mill-alternattivi possibbli fl-Artikolu 4 tar-regoli proċedurali f'każijiet ta' għajjnuna mill-Istat, iżda partikolarment peress li naqset milli tieħu azzjoni.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa dirett kontra n-nuqqas li tittieħed azzjoni mill-Kummissjoni rigward id-deċiżjoni relatata mal-ilment dwar l-għajjnuna mill-Istat tal-UE mressaq mir-rikorrenti fl-4 ta' Lulju 2017 fil-każ SA.48582 – Allegata għajjnuna mill-Istat favur Maritim-Gruppe u KHI Immobilien GmbH.

---

### Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2020 – Tornado Boats International vs EUIPO – Haygreen

(TORNADO)

(Kawża T-167/20)

(2020/C 175/44)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Tornado Boats International ApS (Lystrup, id-Danimarka) (rappreżentant: M. Hoffgaard Rasmussen, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: David Haygreen (Colwyn Bay, ir-Renju Unit)

#### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti